MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 358/2003

**Avviz numru  358/03DM**

**Gasparell Baling Co Ltd**
**Vs**
**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet li l-Korporazzjoni konvenuta sabiex tigi kkundannata tiffinalizza u tesekwixxi it-‘tender’ numru WSC/T/57/02 billi tikkonkludi l-bejgh in kwistjoni favur is-socjeta’ attrici konsistenti f’pajpijiet tal-hadid fl-ammont ta’ mija u ghoxrin ‘bundle’ u dana skond u ai termini tal-istess ‘tender’ u liema obbligazzjoni ta’ bejgh kienet gie minnhom inkarikata u assunta in forza ta’ ‘letter of acceptance’ favur ta’ u indirizzata lis-socjeta’ attrici datata 23 ta’ Mejju, 2003 – kopja ta’ liema ‘tender’ u ittra ta’ accettazzjoni gia jinsabu annessi ma’ process ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni mahrug fl-istess ismijiet premessi u akkordat fl-4 ta’ Lulju,

2003, favur is-socjeta' attrici u kontra l-Korporazzjoni konvenuta.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-precitat Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Korporazzjoni konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.
Il-valur tat-'tender' in kwistjoni ma kienx jeccedi l-ammont ta' elfejn lira (Lm2000), pero' kien aktar minn elf u hames mitt lira (Lm1,500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta fejn eccipiet illi:
1. Preliminarjament, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dwar din il-kwistjoni ;
2. Fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;
3. Ghalhekk, l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici ;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-31 t'Ottubru 2003 fejn id-difensur tal-konvenuti ccara l-ewwel eccezzjoni billi ddikjara li din hija bbazata fuq klawsola ta arbitragg miftehma ma' l-atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-ewwel (1) eccezzjoni preliminari l-konvenuti qieghdin jecceppixxu n'nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi l-bejgh *de quo* kien gie miftiehem u accettat bil-kundizzjoni espressa illi kull kwistjoni dwar il-ksur, terminazzjoni jew invalidita' ta' l-istess kuntratt kellhom jigu riferiti ghall-arbitragg.

Mid-deposizzjoni ta' Godfrey Cutajar stess prodott mill-kumpanija attrici jirrizulta illi effettivament l-offerta tal-kumpanja attrici kienet giet accettata mill-konvenuti

permezz ta’ ‘Letter or Acceptance’ tat-23 ta’ Mejju, 2003, esibita a fol. 11 tal-process u fiha kienet saret riferenza espressa ghall-kundizzjonijiet hemm mehmuza u li jinsabu esebiti a fol. 12  tal-process.

Fil-klawsola tmienja (8) ta dawn il-kundizzjonijiet hemm espressament ipprovdut hekk: “ *any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this contract or the breach, termination or invalidity thereof shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force. Any reference in the attached General Conditions to other arbitration procedures shall not apply”.*

Ghaldaqstant jidher stabbilit illi kull kwistjoni li tirrigwarda l-ksur tal-bejgh accettat bl-ittra tat-23 ta’ Mejju, 2003, anke jekk dan il-ksur ikun a bazi ta’ xi pretensjoni illi tali kuntratt kien gie tterminat skond il-kundizzjonijiet annessi ma’ l-accettazzjoni, l-kwistjoni trid bilfors tigi riferita ghall-arbitragg u mhux migjuba quddiem din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikoli 730 u 742 (3) tal-Kap 12 u l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 qieghda tilqa’ l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari ta arbitragg sollevata mill-konvenuti, u konsegwentement qed twaqqaf il-procediment u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------